**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**

**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 24 ta' Gunju 2025**

Rikors Numru: 223/25 AL

AB

u

CD

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors konġunt tal-partijiet li permezz tieghu esponew:

1. ILLI l-partijiet iżżewġu f Villa Bologna, H'Attard, Malta nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), liema żwieġ ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), skont l-Att taż-żwieġ, anness u mmarkat bħala **"Dok RN 1";**

2. ILLI miż-żwieġ il-partijiet ma kellhomx tfal;

3. ILLI permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar James Grech LL.D., fit-tlieta ta' April tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (03-04-2025), kopja ta' liema qed tiġi annessa u mmarkata bħala **"Dok RN 2",** il-

partijiet isseparaw bonarjament u dan wara li kienu debitament awtorizzati permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat l-għaxra ta' Marzu tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (10-03-2025);

4. ILLI l-kundizzjonijiet stabbili għall-pronunzjament tad-divorzju a tenur tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta huma sodisfatti stante illi:

i. assolutament m'hemm ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;

ii. ai termini ta' klawżola numru ħamsa (05) tal-kuntratt ta' separazzjoni surreferit, il-partijiet irrinunzjaw mid-dritt li jitolbu manteniment minn xulxin u għalhekk m'hemm ebda manteniment dovut f'dan ir-rigward;

miż-żwieġ ma twildux ulied u għalhekk m'hemm ebda manteniment dovut fil-konfront ta' ulied;

5. ILLI s-suespost huwa kkonfermat minn Radostina Ninova Ninova, permezz ta' affidavit anness u mmarkat bħala **"Dok RN 3",** u minn Maria Ivo Antova, permezz ta' affidavit anness u mmarkat bħala **"Dok MA 1";**

6. ILLI in vista tal-fatt li r-rikorrenti, ċjoe Radostina Ninova Ninova u Maria Ivo Antova, ma jifhmux bil-Malti iżda jifhmu bil-lingwa Ingliża, qed tiddaħħal traduzzjoni ta' dan ir-Rikors bl-Ingliż sabiex eventwalment kwalunkwe sentenza li jogħġobha tagħti din l-Onorabbli Qorti tingħata bil-lingwa Ingliża.

In vista tal-premess, ir-rikorrenti jitolbu umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, ai termini tal-Artikolu 66A et seq tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

1. TIPPRONUNZJA l-ħall taż-żwieġ li seħħ nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kap.16;

2. TORDNA lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għaldaqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju u l-ħall taż-żwieġ tal-partijiet, biex dan jiġi debitament reġistrat fuq l-Att taż-żwieġ tal-Partijiet;

U dan taħt dawk il-provvedimenti kollha li dina l-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavits bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tat-13 ta’Mejju, 2025;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-3 ta’ April 2025;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem minn meta din is-sentenza ssir res judicata javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.